



Brussell, 16 ta' Frar 2024  
(OR. en)

6531/24  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0410(COD)

---

CODEC 460  
IXIM 54  
ENFOPOL 70  
JAI 254

#### NOTA PUNT "I/A"

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tiftix u l-iskambju awtomatizzati ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija, u li jemenda d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI u r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Prüm II) <b>(l-ewwel qari)</b><br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv<br>= Dikjarazzjoni |

#### Dikjarazzjoni mid-Danimarka

Id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tal-approċċ ġenerali dwar il-proposta għal regolament ġdid dwar l-iskambju awtomatizzati ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija ("Prüm II") minħabba n-nonparteċipazzjoni tad-Danimarka fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Madankollu, ir-Regolament Prüm II jibni fuq il-kooperazzjoni Prüm eżistenti fil-qasam tal-iskambju ta' data tal-pulizija li fiha bħalissa qed tipparteċipa d-Danimarka. Din il-kooperazzjoni li ilha teżisti minn qabel it-Trattat ta' Liżbona hija bbażata fuq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali. Il-parteċipazzjoni tad-Danimarka fil-kooperazzjoni eżistenti Prüm uriet li kienet ta' benefiċċju reċiproku u ppermettiet investigazzjoni effettiva u l-infurzar tal-liġi.

Għalhekk, aħna nemmnu li jekk id-Danimarka titħalla barra mill-kooperazzjoni, dan ikun ta' ħsara mhux biss għall-għodod investigattivi għad-Danimarka iżda jkollu wkoll impatt negattiv fuq is-sigurtà interna taż-żona Schengen kollha kemm hi. Inħeġġu li jiġu esplorati l-opzjonijiet kollha biex jiġi żgurat li r-regolament il-ġdid ma jkunx għad-detriment tal-kooperazzjoni eżistenti tagħna fil-għlieda kontra l-kriminalità serja.

Filwaqt li nilqgħu l-fatt li l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen u pajjiż terz bħar-Renju Unit hija żgurata permezz ta' ftehimiet bilaterali, jiddispjacinna li s'issa ma kienx possibbli li tinstab soluzzjoni għad-Danimarka. Il-possibbiltà li stati membri mhux tal-UE jidħlu f'kooperazzjoni mal-Unjoni f'dan il-qasam, mingħajr tali possibbiltà għad-Danimarka, ser ikollha bħala konsegwenza li d-Danimarka – Stat Membru tal-UE u ta' Schengen – tkun f'pożizzjoni inqas favorevoli mill-istati assoċjati ta' Schengen – u pajjiżi terzi – fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Unjoni f'dan il-qasam.

Id-Danimarka ser tkompli tfittex soluzzjoni prammatika u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-Unjoni Ewropea u d-Danimarka għal din il-kwistjoni importanti.